

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Mejju 2009 — Amen Corner vs UASI — Comercio Electrónico Ojal (SEVE TROPHY)

(Kawża T-192/09)

(2009/C 167/35)

Lingwa tar-rikors: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Amen Corner (Madrid, Spanja) (rappreżentanti: J. Calderón Chavero, abogado, T. Villate Consonni, abogada)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Comercio Electrónico Ojal (Madrid, Spanja)

Talbiet tar-rikorrenti

- tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tal-5 ta' Marzu 2009 fil-Każ R-462/2008-2 sa fejn din taċċetta r-reġistrazzjoni fir-rigward tal-prodotti fil-klassi 9.
- fid-dawl tal-annullament preċedenti, tiċħad fit-totalità tagħha l-applikazzjoni għal trade mark Nru 4 617 213
- tikkundanna lill-UASI, u lill-partijiet l-oħra għall-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jekk jiġu kkontestati, u tiċħad it-talbiet tagħhom.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Comercio Electrónico Ojal S.L.

Trade mark Komunitarja kkonċernata: Trade mark figurattiva komposta mill-element verbali "SEVE TROPHY" (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 4 617 213), għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 9, 14, 18, 25, 28, 35 u 41.

Proprietary tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Ir-rikorrenti.

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Trade marks figurattivi Komunitarji "SEVE TROPHY" u "SEVE BALLES-TEROS TROPHY" (Nru 1 541 226, Nru 1 980 341, Nru 2 068 682 u Nru 3 846 235), għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 3, 14, 25, 28, 35 u 41.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni miċħuda taħt l-Artikolu 8(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 tal-20 ta' Diċembru 1993 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU 1994, L 11, p. 1) [issostitwit bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009 tas-26 ta' Frar 2008 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p. 1)] u oppożizzjoni parzjalment milqugħa taħt l-Artikolu 8(1)(b) tal-istess regolament.

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell parzjalment milqugħ.

Motivi invokati: Applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94.

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Mejju 2009 — Lan Airlines vs UASI — Air Nostrum (LÍNEAS AÉREAS DEL MEDITERRÁNEO LAM)

(Kawża T-194/09)

(2009/C 167/36)

Lingwa tar-rikors: L-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Lan Airlines, SA (rappreżentanti: E. Armijo Chávarri u A. Castán Pérez-Gómez, abogados)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Air Nostrum, Lineas Aéreas del Mediterráneo, SA (Manises, Spanja)

Talbiet tar-rikorrenti

- tiddikjra li r-rikors, flimkien mad-dokumenti mehma ja meiegħu, ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern tad-19 ta' Frar 2009 fil-Każ R 0107/2008-4 ġie ppreżentat fit-termini stabbiliti u fil-forma meħtieġa u, wara l-eżami rilevanti tal-proċess, tannulla d-deċiżjoni ċċitata iktar 'il fuq u tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: Air Nostrum, Líneas Aéreas de Mediterráneo S.A.

Trade mark Komunitarja kkonċernata: Trade mark verbali "LÍNEAS AÉREAS DEL MEDITERRÁNEO LAM" (Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 4 448 061), għal servizzi fil-klassi 39.

Proprietary tat-trade mark jew tas-sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Ir-rikorrenti.

Trade mark jew sinjal invokat insostenn tal-oppożizzjoni: Trade mark Komunitarja verbal "LAN" (Nru 3 350 899) għal servizzi fil-klassijiet 35, 39 u 43; u t-trade mark Komunitarja figurativa komposta mill-kelma "LAN", flimkien ma' stilla (Nru 3 694 957) għal servizzi fil-klassi 39.

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: Oppożizzjoni miċħuda kompletament.

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: Appell miċħud.

Motivi invokati: Applikazzjoni żbaljata tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 40/94 (li sar ir-Regolament (KE) Nru 207/2009).